# Ħsieb fuq "Qiegħ-il-Baħar"

*ta' Miss Marì Mejlaq*
*f'Leħen il-Malti, 74.*

Qiegħ-il-bahar, le jittiefes mill-bniedem.
Għadu u jibqa' kif sawwru l-Ħallieq !
—Bħalu x-Xemx; bħalu l-Kwiekeb wil-Qamar.
Sa mill-bidu taż-żmien il-għammieq !

* * *

Jekk irodd, qiegħ-il-baħar, il-ġawhar
ħlok Susan, u qroll jagħti ħlok ward,
bil-ħut mgħammar...ġe fih jilqa' l-ħamla
minn fuq l-iġbla wil-ħdali ta' l-ard !

Min qatt jista' jfissrilna x'jagħtuna
dawn it-tlieta:–*Xemx, qamar u kwiekeb* !
Jew min jista' jittajjar sa ħdejhom
mill-bnedmin, bl-ajruplan jitla' riekeb !

Mhux ix-xemx hi li żżomm fina l-ħajja,
Jew min jirqmu bis-saħħa l-ħolqien
fi tnissilu, ħlief meta fil-milja
huwa l-qamar, meta hu fid-dawrien !

Dan wil-Kwiekeb, fil-ljieli jhennuna,
bħar-riħ fietel għaddej minn fuq plajja
meta tkun għabet bgħid minn għajnejna
u staħbiet is-Sultana-tal-ħajja !

Qiegħ-il-baħar, xemx, kwiekeb u qamar....
Alla dejjem hu ħdejkom !... u ħdejh
intom dejjem ! turuna setgħetu....
tiddi fikom il-qawwa ta' jdejh !

* * *

Mhux mimsus qiegħ-il-baħar. Bla mtiefsa
huma l-kwiekeb, il-qamar wix-xemx;
wit-tiswira wix-xejra li tajthom
minn kif ħarġet mn-idejk, ma tintemmx !

R. M. B.

8 - 5 - 37.